MALTA RESOURCES AUTHORITY

**MRA/PR 11/06**

***STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA***

***PREZZIJIET TAŻ-ŻJUT GĦALL-KONSUM***

Kif tħabbar f'Novembru 2005, ir-reviżjoni tal-prezzijiet taż-żejt mibjugħa għall-konsum issir kull xahar u tinħadem fuq il-prezz li l-Korporazzjoni Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsinji tal-prodotti meta dawn jiġu impurtati minn barra l-pajjiż.

Ukoll kif tħabbar aktar kmieni dan ix-xahar, l-Enemalta kienet rabtet il-prezzijiet ta' 'unleaded petrol', 'diesel', 'kerosene' u 'light heating oil' sa l-aħħar ta' Frar 2007. Għalhekk il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti għal Jannar 2007 se jibqgħu kif kienu għax-xahar ta' Diċembru 2006, jiġifieri:

| | *Prezz* |
|---|---|
| Petrol bla Ċomb (kull litru) | 42c6 |
| Lead Replacement Petrol (kull litru) | 45c6 |
| Diesel (kull litru) | 38c9 |
| Pitrolju (kull litru) | 39c0 |
| Light Heating Oil (kull litru) | 24c0 |

Il-prezzijiet tat-'thin fuel oil' għax-xahar ta' Jannar 2007 inħadmu skond il-prezz li l-Enemalta ħallset għall-aħħar kunsinji tal-prodott meta dawn ġew impurtati minn barra l-pajjiz. Skond dawn il-kalkoli, il-prezzijiet tat-'thin fuel oil' m'għandhomx jinbidlu u se jibqgħu kif kienu f'Diċembru 2006, jiġifieri:

| | |
|---|---|
| Thin Fuel Oil 200 deg (kull tunnellata) | Lm136.50 |
| Thin Fuel oil 450 deg. (kull tunnellata) | Lm130.00 |
| Thin Fuel Oil 950 deg. (Kull tunnellata) | Lm120.00 |

*29 ta' Diċembru, 2006*